Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,498, 23 ta'Ottubru, 2009
Taqsima B

A.L. 298 ta' l-2009

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Liġi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Fakultà tal-Liġi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Liġi.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Liġi;

"il-Fakultà" tfisser il-Fakultà tal-Liġi;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw minn Ottubru 2008 'il quddiem.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. L-applikanti għall-Grad offrut mill-Fakultà għandhom ikollhom:

(a) grad ta' LL.D. u juru għas-sodisfazzjon tal-Kumitat tal-Fakultà għad-Dottorat li huma kapaċi jwettqu riċerka oriġinali tal-ogħla kwalità; il-Bord jista' jitlob lill-applikanti jissottomettu wkoll kopji ta' xogħlijiet u/jew pubblikazzjonijiet preċedenti tagħhom; jew

(b) grad ta' livell ta' Master fil-Liġi offrut mill-Fakultà kklassifikat bħala Għadda b'Distinzjoni jew grad mogħti minn università oħra rikonoxxuta għal dan il-għan mis-Senat li l-Bord jikkunsidra bħala ekwivalenti.

4. (1) L-applikanti jistgħu jissottomettu l-formola tal-applikazzjoni, flimkien ma' proposta ta' riċerka komprensiva li tiddeskrivi l-proġett propost, inkluż s-sorsi u l-materjali tar-riċerka, fi kwalunkwe żmien tas-sena.

(2) L-applikanti jistgħu jiġu mitluba wkoll juru l-kompetenza tagħhom fil-ħiliet meħtieġa min-natura tar-riċerka proposta.

Il-Kumitat tal-Fakultà għad-Dottorat

5. Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat li jinħatar Kumitat tal-Fakultà għad-Dottorat li jkun magħmul minn:

Id-Dekan tal-Fakultà jew delegat (*Chairman*)
3 – 4 Kapijiet tad-Dipartiment

Is-Superviżjoni u l-Progress tal-Istudenti

6. Is-Superviżuri Prinċipali huma meħtieġa jissottomettu rapport bil-miktub lill-Bord, permezz tal-Kumitat tal-Fakultà għad-Dottorat, kull Ġunju għall-istudenti kollha li jaqgħu taħt is-superviżjoni tagħhom.

7. L-istudenti għandhom jitħallew ikomplu bl-istudji tagħhom biss jekk ir-rapporti tas-Superviżur Prinċipali juru li qed jagħmlu progress sodisfaċenti. Jekk ir-rapport ikun negattiv, il-Bord għandu jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu lis-Senat dwar il-kontinwazzjoni tar-reġistrazzjoni tal-istudent għall-Grad.

8. (1) Wara 12-il xahar ta' studju *full-time*, l-istudenti huma meħtieġa jissottomettu rapport dwar ix-xogħol tar-riċerka tagħhom għal konsiderazzjoni ta' bord *ad hoc* maħtur mill-Bord. Il-bord *ad hoc* għandu jkun magħmul minn *chairman*, li jkun il-kap tad-dipartiment konċernat jew delegat tiegħu, u żewġ eżaminaturi, li wieħed minnhom ikun is-Superviżur Prinċipali u membru ieħor.

(2) Il-bord *ad hoc* għandu jeżamina x-xogħol tal-istudent b'mod orali u għandu jissottometti l-ewwel rapport bil-miktub għall-konsiderazzjoni tal-Kumitat tal-Fakultà għad-Dottorat. Ir-rapport għandu jinkludi r-rakkomandazzjonijiet skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali.

9. L-istudenti reġistrati mal-Fakultà jistgħu jkunu meħtieġa jipparteċipaw fil- programmi ta' riċerka u ta' tagħlim tal-Fakultà .

Il-Preżentazzjoni u l-Format tat-Teżi

10. Sitt xhur qabel iż-żmien meta għandha ssir is-sottomissjoni l-istudenti għandhom ikunu nfurmati li huma għandhom jinfurmaw lill-Fakultà li se jissottomettu t-teżi tagħhom għal eżami mhux anqas minn tliet xhur qabel iż-żmien meta għandha ssir is-sottomissjoni.

11. Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat il-ħatra tal-Bord tal-Eżaminaturi skont ir-Regolamenti Prinċipali.

12. Il-Bord għandu japprova u jippubblika l-linji gwida rigward il-format u l-preżentazzjoni tat-teżi għall-Grad.

13. (1) L-istudenti huma meħtieġa jissottomettu kopja mingħajr legatura għal kull membru tal-Bord tal-Eżaminaturi, flimkien ma' kopja f'format diġitali. L-uffiċjal inkarigat mill-Fakultà għandu joħroġ riċevuta datata.

(2) Meta jtemmu b'suċċess l-istudji tagħhom, l-istudenti għandhom jissottomettu tliet kopji tat-teżi b'legatura ħoxna flimkien ma' kopja f'format diġitali sa sitt ġimgħat mill-pubblikazzjoni tar-riżultat. Kopja tat-teżi tinżamm fil-Librerija tad-dipartiment u kopja oħra fil-Librerija tal-Università. L-istudenti li ma jikkonformawx ma' dan l-ordinament ma jingħatawx il-Grad.

It-Tħassir

14. L-Ordinamenti tal-1997 għall-grad ta' Doctor of Philosophy taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Liġi ppubblikati bħala Avviżi Legali Nru. 170 u 173 tal-1997 għandhom jitqiesu li spiċċaw mill-1 ta' Ottubru 2008, iżda l-istudenti rregistrati għal dan il-grad qabel l-1 ta' Ottubru 2008 għandhom ikomplu jkunu regolati mir-regolamenti li kienu jgħoddu fiż-żmien meta rreġistraw għall-grad.